Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2011

Numru. 188/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Aquilina)**

**vs.**

**Josef Zammit Tyler**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Josef Zammit Tyler ta' 17-il sena, iben Mario Brignone u Josephine xebba Tyler, imwieled Pieta nhar il-5 ta' Jannar 1992 u residenti gewwa 34, Triq San Mikiel, Bormla, u detentur tal-karta ta' l-identita numru 50492 (M),

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer bejn 17 u 18 t'Awissu 2008:

a) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din

ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li semghet t-trattazzjoni dwar il-piena,

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija, li kellu sittax-il sena meta sar ir-reat. Pero, minkejja l-eta zghira tieghu, mill-fedina penali aggornata jirrizulta li huwa habbat difrejgh diversi drabi mal-gustizzja, u fil-fatt hemm in vigore zewg ordnijiet ta’ probation separati moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, wahda b’sentenza tat-22 ta’ Gunju 2009 u l-ohra b’sentenza tas-16 ta’ Lulju 2010, u z-zewg ordnijiet huma ta’ durata ta’ tlett (3) snin. Konsegwentement ma jaghmel l-ebda sens li dina l-Qorti tpoggi lill-imputat taht ordni ta’ probation ohra.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 8(a), l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 u l-Artikolu 37 tal-Kapitolu

9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ hames mitt Euro (€500.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50.00), b’dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta’ Dicembru 2011, b’dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------